# JOHN HOOKHAM FRERE
## 1769-1846

Ta' A. CREMONA

FOST il-Meċenti tal-Lsien Malti nistgħu ngħoddu lil JOHN HOOKHAM FRERE li barra mill-imħabba li kellu għall-ilsna barranin, Grieg, Latin, Spanjol, li studjahom u kien jafhom tajjeb, kien wera ħrara u ħeġġa kbira biex imexxi 'l quddiem l-istudju tal-Malti, kif ukoll tal-ilsna orjentali, fosthom il-Lhudi u l-Għarbi, ma' tul iż-żmien li kien hawn Malta u baqa' hawnhekk sa mewtu.

JOHN HOOKHAM FRERE twieled Londra fil-21 ta' Mejju, 1769. Fl-1785 beda l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ ta' Eton. Niesu mhux dejjem kienu joqogħdu b'darhom Londra, iżda dlonk ma' tul is-sena kienu jmorru jgħixu ukoll Roydon f'Norfolk u f'Redington f'Surrey. F'Eton, fejn studja l-letteratura Ingliża, Griega u Latina, kien sar ħabib tal-qalb ta' George Canning u l-ħbiberija tagħhom baqgħet għal għomorhom. Fl-1786, flimkien ma' xi studenti tal-Kulleġġ ħa sehem fil-pubblikazzjoni tar-rivista *Microcosm* li bil-kitba letterarja li kien fiha kienet ħadet isem fost l-istudenti ta' barra il-kulleġġ. Minn Eton, Hookham Frere kien daħal f'Caius College, f'Cambridge, fejn ħa l-grad tal-*Baċellerat tal-Arti* fl-1792 u l-*Magister Artium* fl-1795, u kiseb it-titlu ta' *Fellow of Caius* għall-kitba tiegħu klassika ta' proża u versi. Fl-1797 issieħeb ma' Canning u xi żgħażagħ oħra fil-pubblikazzjoni tal-ġurnal *Anti-Jacobin* li kien joħroġ kull ġimgħa, nhar ta' Tnejn, bil-ħsieb li jrażżan il-propaganda tal-Partit Republikan Franċiż li kien qed iheddeb il-monarkija tal-Istati Ewropej bil-filosofija Ġakbina tiegħu. Fl-1796 daħal fil-Parlament bħala rappreżentant tal-West Looe f'Cornwall fejn baqa' sal-1800. Fl-1799 fil-*Foreign Office* bħala Sottosegretarju tal-Istat. Wara xi ftit taż-żmien sar Ambaxxatur fil-Portugall u fl-1802 inbagħat fi Spanja bħala Ministru Ingliż fi tmiem il-ġlied bejn l-Ingilterra u Franza u t-Trattat ta' Amiens.

Ma' tul iż-żmien li kien fi Spanja, Frere studja l-Ispanjol. Kien f'dak iż-żmien li hu kien sar ħabib ta' Pedro Caro Y Sureda Romana li kien twieled f'Majorca fl-1761. Kien bis-saħħa tiegħu, fil-waqt li dan kien Tenent-Ġeneral tal-Qorti ta' Madrid, li Frere kien sar jaf bl-istat politiku ta' Spanja u jgħarraf bih lill-*Foreign Office* tal-Ingliterra.

Billi fl-1804 reġgħet qamet gwerra bejn l-Ingilterra u Franza, Spanja,

għalkemm iddikjarat li tibqa' newtrali, kellha twettaq il-Konvenju tat-Trattat ta' għajnuna finanzjarja lil Franza. Għalkemm Spanja dehrilha li ma kisritx in-newtralità, Frere, bħala Ministru Ingliż, fisserilli kull sussidju ta' Spanja mogħti lil Franza, u l-mogħdija tat-truppi Franċiżi mit-territorju ta' Spanja għandhom jitqiesu bħala ksur ta' newtralità u ta' ħsara fl-interessi diplomatiċi bejn l-Ingilterra u Spanja, u li għaldaqstant l-Ingilterra kellha tieħu passi serji. Barra minn dan, Spanja kienet qiegħda tħalli l-armamenti Franċiżi fil-portijiet tagħha, u, għalhekk fisser li jkollu jitlaq minn Spanja bi protesta. Frere telaq minn Madrid f'Awissu tal-1804.

Dwar it-tluq tiegħu minn Spanja, fejn Frere ħatar floku lil ħuh Bartle bħala *Chargé d'Affaires* qamet diskussjoni fil-Parlament Ingliż fi Frar ta' 1805. Pitt fisser li biex ma jittifsux ir-relazzjonijiet diplomatiċi ma' Spanja kienet ħaġa xierqa li Frere jitlaq minn Spanja, fil-waqt ukoll li faħħar l-imġieba ta' Frere f'perijodu hekk imwiegħer. Sadattant Pitt ħatar lil Frere bħala *Privy Chancellor* għall-merti tiegħu diplomatiċi.

Spanja u l-Ingilterra flaħħarnett spiċċaw biex tlewmu fuq il-kwistjoni ta' newtralità. Saru xi attakki bejn bastimenti taż-żewġ naħiet. Fregata Spanjola għerqet taħt in-nar tal-għadu u ntilfu bosta nies. Napuljun dlonk inqeda bil-mument biex mar kontra l-Ingliterra u hedded li jinvadiha bi flotta magħquda ta' Franza u Spanja. Ir-rebħa Ingliża tal-battalja ta' Trafalgar fil-21 ta' Ottubru, 1805 ħelset lill-Ingilterra mid-dwiefer ta' Napuljun.

Meta Pitt miet fl-1806, Napuljun kien għadu jixxennaq li jkabbar l-imperu tiegħu. Sadattant sar it-Trattat ta' Fontainebleau (1806-1807), li bih il-Portugall kellu jitqassam b'riżq Franza u Spanja, ġrat l-abdikazzjoni tar-Re Ferdinandu u ibnu, il-għoti tal-Kuruna lil Giuseppe Bonaparti, saret il-Kostituzzjoni ta' Bayonne u l-invażjoni Franċiża fi Spanja. F'Mejju tal-1808 l-Ewropa baqgħet mistagħgba b'dawn il-ġrajjiet. Fi Spanja, qabel ir-rewixta favur ir-Re Ferdinandu, kienu waqqfu l-Ġunta biex ikeċċu lil Napuljun. Il-Ġunta talbet l-għajnuna tal-Ingilterra. Din iddikjarat gwerra kontra Franza (1808). L-iskwadra Franċiża inqabdet f'Cadiz. Dupont bit-truppi tiegħu ġagħluh iċiedi l-armi lil Castanos f'Baylon. Il-Ġeneral Napuljun telaq minn Madrid u l-belt weqgħet f'idejn l-Ispanjoli. Napuljun ittanta jarġa' jidħol fi Spanja, jitħabbeb mal-Ingliżi, iżda l-Ingliżi baqgħu favur Spanja.

Frere kien magħruf mill-aħjar nies ta' Spanja għax kien jaf bl-Ispanjol, kif ukoll għat-tattika li kellu, tant li f'Ottubru tal-1808 huwa kien akkreditat bħala Ministru Plenipotenzjarju Ingliż ma' Ferdinandu VII, li allura kien irrappreżentat mill-Ġunta Ċentrali. Bis-saħħa ta' Frere, Spanja reġgħet kisbet waħda mill-armati importanti li b'ordni ta' Napuljun kienet

mibgħuta f'Danimarka biex tingħaqad mal-armata Franċiża taħt il-Marexxal Bernardotte biex jinvadu l-Isvezia.

Ġie żmien li l-pubbliku Ingliż maqdar lil Frere li fil-battalji ta' Spanja bejn Novembru 1808 u Jannar tal-1809 kien ta xi pariri dwar l-istrateġija ta' Corunna kontra l-Franċiżi, fejn il-General stess Sir John Moore miet taħt in-nirien tal-għadu u l-armata Ingliża kienet sofriet telf kbir, u, għalhekk l-eżerċtu Ingliż kellu jarġa' lura lejn l-Ingilterra. Dik il-ħabta Frere kien Ministru Ingliż fi Spanja. Ponsonby fil-Parlament Ingliż talab inkjesta dwar l-inċident, iżda, għalkemm il-Parlament ma laqax il-mozzjoni ta' Ponsonby, il-Gvern kellu jsejjaħ lil Frere lejn l-Ingilterra u floku inħatar il-Markiż Wellesley li kien għadu kif temm b'riżq kbir ix-xogħol tiegħu fl-amministrazzjoni Indjana. Fuq hekk Frere deherlu li l-ħatra tal-Markiż Wellesley bit-titlu ta' Ambaxxatur tal-Qorti tar-Re ta' Spanja kienet tirrifletti ħażin fuq il-karika li kellu ta' Ministru Ingliż fi Spanja, u minn dak iż-żmien stmerr il-ħajja diplomatika, u, meta talbuh biex jieħu l-karika ta' Ambaxxatur f'Pietruburgu, u mbagħad biex jaċċetta t-titlu ta' Lord fil-kamra Għolja, huwa irrofta l-waħda u l-oħra.

Saru ħafna kummenti favur u kontra l-imġieba ta' Frere tul l-amministrazjoni tiegħu bħala Ministru Ingliż fi Spanja. L-opinjoni ta' xi wħud li jifhmu fuq l-istrateġija ta' dak iż-żmien tat raġun lil Frere f'xi kwistjonijiet li kellu fuq hekk ma' Sir John Moore u Wellington. Meta talbuh biex jagħmel dikjarazzjoni tal-aġir tiegħu politiku kontra x-xnigħat tal-pubbliku Ingliż, huwa wieġeb li ma kellux għalfejn, u għal bniedem li kien inqata' għalkollox mill-ħajja diplomatika kien jixraq li dil-kwistjoni iħalliha fil-fehma tal-Istorja li għad trid tinkiteb, jiġifieri biex tiġġudika hi dak li l-armata Ingliża setgħet tikseb fiż-żmien imwiegħer tal-amministrazzjoni tiegħu fi Spanja.

Fl-1 ta' Awissu tal-1809 Frere ma baqax fil-karika ta' Ministru Ingliż fi Spanja wara li wasal il-Markiż Wellesley f'Cadiz f'Lulju bħala Ambaxxatur wara l-battalja ta' Talavera.

Hekk kif telaq mill-ħajja diplomatika, il-Gvern Spanjol, bħala xhieda ta' qima kbira lejn ix-xogħol tiegħu fi Spanja, tah it-titlu Kastiljan ta' *Marquez De La Union.*

Il-Markiż Wellesley, wara xahrejn bħala Ambaxxatur ta' Spanja, fisser ix-xogħol aħrax tal-karika li fiha Frere kien ħadem u bata taħt l-akbar twegħir.

Meta Frere raġa' lejn l-Ingilterra sab tibdil kbir fil-pulitka ta' pajjiżu. Canning u Lord Castleraegh ma kinux jaqblu u spiċċaw bi dwell, u t-tnejn telqu mill-pulitka. Flimkien mal-missjoni tiegħu fi Spanja, il-karriera pulitka ta' Frere intemmet, u ma' l-għeluq tagħha, Frere kellu jġarrab

ħajja oħra.

* * * * * * * * *

Missier Frere kien miet fl-1807 u ommu fl-1813. F'Roydon, fejn sab ruħu fl-1813 hu kien jedha jgħallem il-grammatika lil żewġ neputijiet u jaqralhom xi ballata. Għalkemm hu kien iħobb il-kampanja, il-ħwejjeġ li dari kienu għal qalbu u l-ħbieb ta' żgħożitu kienu ġibduh lejn il-belt ta' Londra.

Frere fix-xogħol letterarju tiegħu ma kienx jaf jiġbor dak, li għal mument, kien igħaddi minn moħħu u b'hekk xi ħżuż ta' versi li kien iniżżel dak il-ħin kienu jintilfu. Xi aneddoti ta' ħajtu maħżużin fuq bċejjeċ ta' karta inżammet tifkira tagħhom b'riħet ħbiebu li kienu ftakruhom u ġabruhom. Il-ħbieb tiegħu f'Londra kienu Scott, Byron, Southey, Gifford, Rose Moore u Coleridge. Moore, li kien l-aktar ħabib tiegħu, dlonk kien jinnota xi annedoti fuq Frere u dawn servew biex jorqmu ħajtu, u ma' Moore kien ukoll jissieħeb Windham u Rogers.

Wara l-mewt t'ommu, oħtu Susan baqgħet miegħu biex tieħu ħsieb id-dar. Frere iżżewweġ fit-12 ta' Settembru tal-1816 ma' Elizabbetta Ġemina, armla tal-Konti De Erroll. Il-Kontessa Erroll kienet mara ġenjali, ta' sentimenti u ta' idejiet ħelwin u Frere kien joqgħod tant fuqha, għal dawk li huma gosti artistiċi, illi ma kienx jistampa xi versi qabel jaqrahomlha u hi ma turix li għoġbuha.

Frere fil-versi tiegħu kien daħħal metru ġdid bi strofi tat-tmienja ta' Pulci, Berni u Casti. Dan il-metru kien adottah Byron f'*Peppo*. Frere kien użah f'xogħol li kien deher taħt il-psewdonimu ta' *Whistlecraft*, u li kien deher stampat minn John Murray fl-1817 taħt l-isem ta' 'Prospectus and Specimen, etc., intended to comprise the most interesting particulars relating to King Arthur and his Round Table'. It-Tieni Taqsima ta' dan ix-xogħol dehret sena wara bit-titlu ta' *The Monks of the Giants.* Meta ħarġet stampata it-Tieni Taqsima ta' dan ix-xogħol dehru xi kommenti fuqu fin-*North American Review* (Lulju, 1818) minn C.E.Norton. Dwar l-1808 kienet dehret traduzzjoni mill-Ispanjol tal-*Poema del Cid* (Poems of the Cid) mill-pinna ta' Frere, It-traduzzjoni ta' dawn il-poeżiji dehru bħala Appendiċi tal-*Chronicle of the Cid* ta' Southey li fuqhom għamel studju kritiku fejn faħħar lil Frere għall-ħila kbira tiegħu f'din it-traduzzjoni.

Frere rnexxielu jħaddem l-eżametru f'xi versi bl-Ingliż li kien bagħat lin-neputi tiegħu, ir-Reverendu John Frere, f'Marzu tal-1824 wara li dan kien bagħtlu xi versi miktubin minnu. L-eżametri huma, tista' tgħid, kollha

fuq Malta u jibdew b'dawn il-versi:

*Malta sovereign isle, the destined seat and asylum*
*Of chivalry honour and arms – the nursing mother of heroes.*

Fuq hekk jidher li Frere ħaddem il-vers eżametru f'ilsienu qabel Von Platen fil-Ġermanja u G. Carducci fl-Italja.

Fl-1818 Lady De Erroll mardet wara li ħadet riħ qawwi mill-British Museum. Hija marret f'bosta postijiet fl-Ingilterra biex tikkura ruħha, iżda l-klima tal-pajjiż deher li ma jgħoddx għal saħħitha, u għalhekk Frere għamel il-ħsieb li jfittex art oħra li tista' tkun ta' fejda għas-saħħa ta' martu. Flimkien ma' oħtu Susan u n-neputija ta' martu, Frere, u Lady Erroll siefru fuq bastiment Ingliż, u l-ewwel ma waqfu f'Lisbona għal xi ftit ġranet u minn hemm telqu għal Palermu fejn waslu għal bidu ta' Novembru, 1820. F'Palermu Frere kien sa jieħu dar, il-Palazzo ta' Belmonte fuq għolja ħdejn il-Monte Pellegrino, iżda qabillu aktar li jiġi hawn Malta bħala, kolonja Ingliża, u għal xi raġunijiet oħra privati. Huwa wasal hawn Malta flimkien ma' martu u l-oħrajn f'April tal-1821 wara vjaġġ ta' baħar qawwi minn Sirakuża.

Għall-ewwel Frere kien sa jikri dar il-Belt, iżda mbagħad ħa waħda għas-sajf il-Pietà fejn għadda ħajtu fi-24 sena li dam igħix hawn Malta. Din id-dar, li qiegħda mat-triq quddiem il-mol f'qiegħ ta' għolja, li dari kienet tasal sal-quċċata tal-Guardamangia, jingħad li għall-ewwel kienet magħmula minn żewġ jew tlitt idjar li maż-żmien saru dar waħda. Barra minn xi tibdil fil-bini, Frere kien biddel l-art moxa u l-blat ta' wara d-dar fi ġnien imqassam f'mogħdijiet b'kolonni fil-ġnub b'siġar taċ-ċipress u tas-snuber: terrazzini b'balavostri u sedili b'ħaġar imnaqqax, li titla' għalihom b'taraġ imqawwas fiż-żewġt iġnub. Minn fuqhom iġġib quddiemek dehra mill-isbaħ tal-Port ta' Marsamxett, u tal-ġnien kollu jħaddar b'siġar tal-frott u dwieli, u fosthom, ileqq fid-dija tax-xemx, l-ilma tal-vaski u għejun u b'xi nixxiegħa għaddejja minn qalb is-simar. Kull terrazzin kien baqa' magħruf għal żmien twil, ukoll wara l-mewt ta' Frere, bl-isem karatteristiku tiegħu li jagħżluh mill-oħrajn.

Waħda mill-mogħdijiet li tagħti għal wieħed mit-terrazzini tfakkar f'daqsxejn ta' storja romantika. Il-kaptan ta' bastiment, li kien wassal lil Frere u lill-mara tiegħu hawn Malta, kien baqa' sejjer fil-golf ta' Korintu (Greċja) bil-qmuħ u proviżjon tal-ikel għat-Torok. Fil-waqt li kien hemm mar iżur id-dar tal-Pasha fl-Ivitostro, f'raħal fejn kienet saret waħda mill-eħrex taqbidiet bejn it-Torok u l-Grieġi. Fost in-nies li kien hemm igħammru hemmhekk kien hemm tifla ċkejkna griega ta' xi erba' snin li suldat Tork kien ħelisha mill-massakru tat-Torok. Il-kaptan Cupper talab lill-Pasha biex jieħu lit-tifla miegħu bil-ħsieb li jrabbiha. Il-kaptan, wara

żmien, taha f'idejn Frere li laqagħha f'daru. Huwa u Lady Erroll żammewha u rabbewha bħal binthom u semmewha Statyra, bħalma kien jisimha l-mara tar-Re Darju, re tal-Persja, imsemmija għall-ġmiel tagħha. It-tifla kellha wiċċha samrani, għajnejn suwed u ħelwin. Qarib ta' Lady Erroll, il-kaptan William Hope tas-7th Fusiliers, li kien qed jagħmel is-servizz tiegħu hawn Malta, fil-waqt li kien għaddej fl-inħawi tal-Villa ta' Frere, riekeb iż-żiemel, waqa' minn fuqu, hekk kif il-bhima għotrot u żelqet, u kiser siequ. Ġabruh id-dar ta' Frere u żammewh hemm sakemm fieq. Fiż-żmien li dam hemm il-kaptan innamra minn Statyra li sadattant kienet saret xbejba ġmielha u iżżewwiġha. Dik il-mogħdija, li tagħti għal wieħed mit-terrazzini, fejn jingħad li l-għarajjes kienu jiltaqgħu, baqa' jissemma bl-isem ta' *The Lovers' Walk,* u waħda mill-irkejjen b'sedil tal-ħaġar tat-terrazzin baqa'ukoll jissemma *The Lovers' Corner,* fejn wieħed għandu jistħajjel li dak id-daqsxejn ta' rumanz ta' mħabba ingħalaq biż-żwieġ ta' dawk iż-żewġt iqlub!

Wara sena Frere kien ħa dar oħra għax-xitwa fi Strada Forni, Nru. 176, il-Belt, li kif jingħad kien sabhielhom Sir Manly Power, l-Uffiċjal li kien qed jamministra l-Gvern ta' Malta. Din id-dar, magħrufa bl-isem ta' *Casa Correa,* qabel il-Gwerra l-Kbira kienet il-Bank Scicluna, u llum, wara li inqerdet taħt in-nar tal-għadu u reġgħet inbniet, inbidlet f'kulleġġ tad-Dumnikani: *St. Albert the Great College.* Id-dar li kellu l-Pietà għadha sal-lum imsemmija u magħrufa bl-isem ta' *Villa Frere.* Fiha nistgħu ngħidu li Frere qatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu f'Malta.

Ta' din il-Villa Miss Celia Congreve tatna deskrizzjoni sabiħa fil-*Country Life* tal-5 ta' Lulju, 1930. F'din il-villa, fejn Frere kellu l-istudju tiegħu b'librerija mgħammra b'kotba klassiċi tal-letteratura Griega, Latina u Spanjola, kien għadda l-aħjar żmien ta' ħajtu jedha bit-traduzzjoni ta' awturi Griegi, fosthom, il-kummiedji ta' Aristofane, li tagħhom, qabel kien lesta għall-istampa t-traduzzjoni ta' xi bċejjeċ. 'L hawn u 'l hinn insibu illi ma' tul is-snin minn l-1822 sal-1831 kien dlonk jikkorrispondi ma' ħuh Bartle dwar l-istampa tat-traduzzjoni ta' xi kummiedji ta' Aristofane, fosthom tal-*Acharnians,* tal-*Birds* u l-*Frogs.* F'Mejju tal-1830 kien kiteb lil ħuh li kien għoddu temm it-traduzzjoni tal-*Frogs,* iżda ma satax imħabba il-marda ta' martu. Wara sena, sewwa sew f'Mejju tal-1931, ħejja l-frontispizju: *The Frogs of Aristophanes translated in English Verse,* u avviż li t-traduzzjoni tal-*Frogs* tlestiet. Huwa ordna li xi kopji ta' din il-pubblikazzjoni għandhom jitqassmu lil xi ħbieb u l-bqija jinbiegħu għand il-librara u xi kopji jinbagħtu l-Università ta' Cambridge.

Bħalma fisser sewwa W.W. Merry, D.D. fl-Introduzzjoni tal-edizzjoni *Aristophanes, Four Plays translated into English Verse by J. Hookham*

*Frere* (ristampa tal-1928) – Oxford University Press – mhux għalkemm issib sewwa d-dati tal-pubblikazzjoni ta' kull waħda mill-kummiedji ta' Aristofane tradotti minn Frere, li fix-xogħol tat-traduzzjoni u tal-istampa ma kien xejn sistematiku, kif fisser huwa stess. Il-kummiedji kien jistampahom 'l hawn u 'l hinn biċċa biċċa u xi mindaqqiet iħallihom għand l-istampatur għal żmien twil bla ma jkomplihom. Kien bit-tħabrik tal-ħabib tiegħu G. Cornewall Lewis, wieħed miż-żewġ membri tal-Kummissjoni li kienet ġiet Malta fl-1836 dwar l-Istat Amministrattiv u Politiku ta' Malta, li tlieta minn erba' kummiedji ta' Aristofane (*The Acharnians*, *The Knights* u *The Birds*) kienu deħru stampati fi ktieb mill-Istamperija tal-Gvern ta' Malta fl-1839, fil-waqt li l-*Frogs* imsemmi hawn fuq kien stampah ukoll W. Nichols, 60, Pall Mall, Londra, fl-1939. L-Erba' Kummiedji (*The Acharnians, The Frogs, The Knights* u *The Birds*) miġburin flimkien kienu imbagħad ħarġu għall-bejgħ minn Pickering fl-1840. Frere ma kien qatt itemm it-traduzzjonijiet tiegħu, l-iktar dik tal-*Poema del Cid* u tal-*Aristofane* kieku baqa' l-Ingilterra u jiġġerra mal-ibliet.

Frere fil-Villa iktarx li ma' tul il-ġurnata kien iqatagħha fl-istudju tiegħu wara li jkun qam fil-għodu, u 'l hawn u 'l hinn joħroġ idur fil-ġnien. Il-ħajja ta' kuljum fil-Villa kienet imqassma bil-ħinijiet. Mill-familja ta' Frere ħadd ma kien jidher qabel il-11 jew nofs in-nhar ta' filgħodu, x'ħin in-nies tad-dar jinġabru għall-kolazzjon. Qabel dak il-ħin is-sefturi jġibulek il-kafè fil-kamra tas-sodda, jekk tkun trid. Bejn il-ħdax u s-sebgħa in-nies tad-dar jagħmlu dak li jogħġobhom, iżda Frere jibqa' f'kamartu jaqra jew jikteb. Fis-sebgħa il-pranzu li fih jiġu xi mistednin. Wara l-kafè l-ħarġa ta' fil-għaxija fil-karozza mill-għaxra sa nofs il-lejl.

Milli jidher Frere meta wasal Malta minnufih għamel f'rasu li jqatta' ħajtu hawn Malta. Wieħed għandu jġib quddiem għajnejh illi l-ħeġġa, li biha kien beda l-karriera diplomatika sew fil-Parlament kemm f'artijiet barra mill-Ingliterra jirrappreżenta l-Kuruna Ingliża fil-Ministeru u Ambaxxata Ingliża, kienet birditlu għalkollox, u din il-birda tiegħu kienet ikkaġunata minn ċerti ċirkustanzi diplomatiċi u strateġiċi, li kienu oskurawlu ismu quddiem il-poplu Ingliż bla ma sata' kellu ebda tort. Il-miġja tiegħu f'Malta kienet għalqet b'separju x-xeni kollha ta' ħajja li għal xi snin kienu xeħtuh f'baħar imqalleb ta' ħajja morra u fatmuh minn dak kollu li bih il-moħħ u l-qalb kienu jsibu l-aqwa hena tagħhom.

* * * * * * * * *

Frere, fil-waqt li kien ikun medhi bit-traduzzjonijiet kien jedha wkoll jistudja l-Lhudi. F'dan l-istudju huwa kellu l-għajnuna ta' Dun Serafino

Marmarà, Professur tal-Lhudi fl-Università, li dlonk kien imur iżuru. Kien qabad ħbiberija kbira miegħu, tant li kull nhar ta' Hadd, Frere kien jistiednu jiekol għandu meta t-taħdita tagħhom kienet tkun fuq l-ilsna semitiċi u fuq l-antikitajiet ta' Malta u epigrafi Puniċi misjubin fil-gżejjer ta' Malta. Dun Serafin Marmarà kien igħammar f'waħda mid-djar reliġjużi, il Furjana, li kienet iktarx id-Dar tal-Madonna ta' Manresa. Hu kien kiteb trattat fejn ried jipprova li l-Malti huwa djalett Feniċ.

'L hawn u 'l hinn sew il-mara, il-Kontessa Erroll kemm ukoll Frere, kienu jitħarrku minn Malta għal xi safra ċkejkna. Lady Erroll flimkien ma' Susan, oħt Frere, fl-1824, kienu siefru għal Napli, Salerno u Amalfi, fil-waqt li Frere, f'Settembru tal-1825, kien mar żjara qasira l-Ingilterra għal xi bżonnijiet tad-dar, fejn iltaqa' ma' ħutu, xi qraba u xi ħbieb.

F'Awissu tal-1827 Frere tilef lill-ħabib tiegħu tal-qalb Canning u meta ġew biex jidfnuh f'Westminster Abbey, talbuh jagħtihom parir fuq l-epigrafi għall-qabar tiegħu.

'L hawn u 'l hinn lil Frere kienu jiġuh mill-Ingilterra xi qraba tiegħu jżuruh u joqogħdu għandu għal xi żmien, fosthom Jane Eleonnor Arabella, bint Edward, ħu Frere, li qagħdet għandu għal xi żmien għal ħabta tal-1829. Il-ħarġa ta' Frere, meta kien joqgħod il-Belt kienet tkun dawra sa fuq il-Bastjun tal-ġonna ta' Hastings fejn kien joqgħod għal xi siegħa.

Il-poeta Gabriel Rossetti kien wieħed li kien ġie milqugħ minn Frere f'daru meta kellu jaħrab minn pajjiżu wara li r-Re Ferdinandu, li kien kiser il-pattijiet tal-Kostituzzjoni mogħtijin lill-poplu fl-1821, biex irażżan it-tixwix tar-revuluzzjonarji, kien ġagħal l-Armata Awstrijaka tinżel fi Sqallija u teqred dak il-moviment rivoluzzjonarju. Rossetti kien telaq għall-Ingilterra minn fejn baqa' jikkorrispondi ma' Frere u jgħożż il-ħbiberija tiegħu u jibgħatlu kopji ta' xi xogħlijiet tiegħu. Fost xi pubblikazzjonijiet li Rossetti kien bagħatlu kienu xi kopji ta' ktieb bit-titlu ta' *Spirito Antipapale,* fejn Rosetti kien offrielu li jibgħatlu oħrajn biex jqassam minnhom, iżda Frere wieġbu b'mod fejn urieh li hu baqa' mistagħġeb, imbażża' u ħosbien b'dak li qara f'dak il-ktieb; fisser li ma kienx jaqbel mal-fehmiet tiegħu u wessieh li ma kellux għalfejn joħroġ edizzjoni iżjed fil-wisa' ta' dak il-ktieb, bhalma fisser li ried jagħmel u li jekk il-motivi tiegħu kienu ta' qligħ, għandu flaħħar mill-aħħar isib li tilef wisq mill-but u mill-fama li sa dak in-nhar laħaq kiseb bil-kitba tiegħu. Hawnhekk Frere wera karattru ta' bniedem sod li ma jilgħabx mal-fehma u qima li bniedem ta' kuxjenza nobbli għandu jkollu għar-reliġjon tiegħu u ta' ħaddieħor. Rossetti, barra milli kien patrijott fis-sentimenti republikani tiegħu, kien iżda ukoll antipapali u l-antipapaliżmu tiegħu kien għamieh hekk bl-ikraħ li meta sab ruħu l-Ingilterra qaleb u sar

Protestant.

Għal ħabta tas-sajf tal-1830 Frere għamel vjaġġ fuq yacht flimkien ma' martu Lady Erroll għal Marsilja bil-ħsieb li dan il-vjaġġ iservi ta' ġid għas-saħħa ta' martu. Wara dan il-vjaġġ martu baqgħet dejjem sejra lura u ftit kien hemm tama ta' fejqan. F'Jannar tas-sena 1931 Lady Erroll mietet u ndifnet fiċ-ċimiteru ta' ġewwa l-Bastjun li minn taħt San Rokku iħares lejn ix-xatt tal-Imsida, imsejjaħ għalhekk: *Misida Bastion Cemetery.* Jingħad li billi kienet mara li dejjem uriet ħniena kbira lejn in-nies fqar f'mewtha marru jżuruha bosta nies fqar.

Fuq il-qabar tagħha għad hemm jidher imnaqqax il-kliem miktub bil-Latin minn żewgħa li jfakkar isimha u l-qalb ħanina u l-moħħ għaqli ta' din il-mara li għaxet fostna u ħalliet tal-għemejjel tagħha l-isbaħ tifkira.

F'Novembru tal-1831 rifes l-art ta' Malta Sir Walter Scott li kien ħabib ta' Frere mill-1806. Kemm dam hawn Malta Frere qatt ma naqas li jiltaqa' miegħu u saħansitra jilqgħu ukoll fil-villa tiegħu kemm-il-darba. Scott kellu għożża kbira lejn Frere bħala bniedem letterat, u faħħar kemm-il-darba l-kitba ta' Frere, saħansitra daqsxejn ta' traduzzjoni bl-Ingliż ta' *Ballata Skoċċiża* li Frere kien kiteb meta kien għadu tifel; kien ukoll itenni bl-amment, ma' xi ħbieb, biċċa mit-traduzzjoni tas-*Cid* bl-Ingliż magħmula minn Frere. Fiż-żjara li kien għamel fil-Ġonna ta' Sant'Anton, H'Attard, Scott kien milqugħ minn Frere fil-Palazz ta' Sant'Anton fejn dan kien qiegħed igħaddi xi ġranet, meta il-Gvernatur kien imsiefer. Hemm-hekk Scott ħa pjaċir jara xi żewġ qżieqeż jiġġerew qalb is-siġar bħalma kien ra qabel fil-ġnien tal-Villa ta' Frere. Flimkien ma' Frere, Scott mar idur il-belt qadima ta' l-Imdina, kif ukoll il-Knisja tal-Katidral fejn il-kbir rumanzier, kif għandna nisthajlu, ħass fis-skiet ta' dik il-Belt mejta l-leħen tal-ġrajjiet kbar li għaddew fiż-żminijiet bikrija tal-Istorja ta' Malta, reqdin ġewwa dawk is-swar, kif kien ħasshom meta kiteb is-*Siege of Malta* ta' żmien il-Kavalieri.

Scott, barra li kien milqugħ minn nies kbar tal-Gvern Ċivili, kien milqugħ ukoll minn nies tas-Servizz Militari u Navali li stidnuh fl-*Union Club* fejn sar Ballu bħala ġieħ taż-żjara tiegħu hawn Malta. Mill-banda l-oħra Frere kien ħajjar lil xi studenti tal-Università jiktbu xi versi bil-Latin lil Sir Walter Scott bħala tifkira taż-żjara tiegħu f'Malta. Lil dawn l-istudenti Frere kien irregalhom xi kotba sbieħ illegati li kien bagħat iġibhom mill-Ingilterra.

Għalkemm ta' dawn iż-żewġ poeżiji bil-Latin ma għandna ebda kopja, insibu madankollu żewġ poeżiji oħra li kienu miktubin mill-imsemmi latinista, li kien għadu żagħżugħ, l-Abbati Giuseppe Zammit, waħda iddedikata lil J. Hookham Frere, fejn il-poeta ħass li, għal merti kbar ta' Scott,

kienet ħaġa tqila għalih li jfaħħar b'versi xierqa lil dak il-kbir kittieb, u għalhekk jitlob lil Frere biex floku jaqbad l'*arpa f'idejh u jgħannilu għanja aħjar minn tiegħu,* u t-tieni poeżija miktuba fi tluq Scott minn Malta fejn il-poeta isellem lil Scott u jitlob lill-bastiment li fuqu telaq Scott għal Napli biex iwassal bis-sliema lil dak il-bniedem kbir li għandu fuqu. Versi ta' l-ewwel poeżija:

*Quidnam ego, infelix! celebrare sumo*
*Pectine imbelli egregii decores*
*Gualthieri laudes, mihi dum faventes*
*Denegat aures.*

*Frere, facundis numeris Amicum*
*Tu potis doctus celebrare, Tuque*
*Dam Viri magni uberiore laudes*
*Dicere vena.*

Versi tat-tieni poeżija:

*O Navis vale, cui datur*
*Tantum effere caput pondus amabile*
*Claro nomine praeditum*
*Tufers Gualthierum.*

Dwar l-1834 Frere wera interess fl-emigrazzjoni tal-Maltin fil-pajjiżi tal-kosta tal-Affrika ta' Fuq, bħal Tunes, Tripli u Lixandra, fejn deherlu li l-Maltin jistgħu jsibu art li tgħodd għalihom, sew għax qrib sew għaliex l-ilsien Malti man-nies ta' dawk l-artijiet jista' jgħinhom f'kull xorta ta' xogħol jew negozju li jaqbdu. Dik il-ħabta jidher li kien hawn il qgħad u faqar, u l-aħjar u l-uniku mezz biex il-Maltin tintrafa' mill-istat ekonomiku tagħha, skond ma deherlu Frere, ma kinitx ħlief l-emigrazzjoni, ħaġa li dejjem kien iwissi fuqha wkoll f'pajjiżu kull meta ix-xogħol tan-nies tas-sengħa kien jiġi li jonqos.

Fl-1834 Coleridge miet u mal-mewt tiegħu Frere tilef wieħed mill-egħżeż ħbieb li miegħu kellu rabtiet kbar ta' relazzjonijiet letterarji. Frere lil Coleridge kien igħożżu għall-ġenju poetiku u għas-sens kritiku tiegħu. Fil-bidu tal-karriera taż-żagħżugħ Coleridge, Frere ma kien jafu b'xejn. Darba waħda ħabat li kien qara xi versi f'ġurnal iffirmati S.T.C. (Samuel Taylor Coleridge). Billi dawk il-versi kienu laqtuh, Frere xtaq jiltaqa' ma' l-awtur u jsir jafu, iżda ma rnexxilux ħlief wara xi ħmistax il-sena, u mar huwa stess ikellmu, wara konferenza li Coleridge kien qara u li Frere inzerta mar jismagħha. Frere kien, saħansitra, tah il-manu-

skritti tat-traduzzjoni tat-tliet kummiedji: *The Birds*, *The Acharnians* u *The Knights*, biex iżommhom bħala tifkira tiegħu.

Fuq Frere, Coleridge, fit-testment tiegħu miktub fl-1829, kien qal: 'Frere who of all the men that I have had the means of knowing during my life appears to be eminently to deserve to be characterized as *ho kalokagathos ho philokatos*, kliem bil-Grieg li bil-Malti jfisser: *bniedem sewwa u galantom, il-ħabib ta' sbuħija artistika.*

Coleridge, kif naħseb li bosta qarrejja jafu, kien hawn Malta għall-ewwel żminijiet tal-Ingliżi f'Malta, bħala *Public Secretary*, jiġifieri minn Ġunju tal-1804 sat-8 ta' Settembru tas-sena ta' wara, meta raġa' telaq lejn l-Ingilterra, milli jidher għax il-karika li kien tah Sir Alexander Ball ma kenitx għal qalbu, kif ukoll imħabba in-nostalġija li qabditu.

F'ittra twila ta' ħames piedi ġambiċi b'rima mbewsa, miktuba fl-1834, William Stewart Rose kien ħajjar lil Frere imur jgħaddi miegħu ħajtu fid-dwejra tiegħu tal-kampanja fi Brighton. F'dawk il-versi, Stewart Rose infexx f'espressjonijiet sarkastiċi fuq ix-Xlokk, il-qniepel u d-draw-wiet ta' Malta. Il-ħabib tiegħu deherlu li Frere hawn Malta kien qiegħed igħix ħajja ta' bniedem itturufnat għax ried hu; hekk ukoll Bartle, ħu Frere, kien deherlu li issa li martu kienet mietet, u kien qiegħed hawn Malta għal saħħitha, huwa ma kellux għalfejn jibqa' jgħix Malta fejn ma kien hemm xejn x'jiġbdu. Iżda mill-banda l-oħra, Frere kien jaħsibha xort'oħra. Frere, kif kien fisser lil ħuh Bartle, laħaq dara hekk hawn Malta, li għalih kien issa jħossha wisq tqila biex jinfatam minn ħajja li għal ħafna raġunijiet kienet iżjed taqbel għalih minn kull ħajja oħra fl-Ingilterra.

Il-bqija ta' ħajtu hawn Malta, Frere baqa' jgħaddiha fix-xogħol ta' traduzzjonijiet,[1] kif ukoll fil-kumpanija ta' xi ħbieb Ingliżi li kienu jiġu jżuruh minn barra, u xi mindaqqiet joqogħdu għandu. Fost dawn ta' min isemmi lill-ħabib tiegħu C.T. Clark, li kemm dam għandu fl-1845 żamm bil-miktub l-impressjonijiet tiegħu dwar id-dar u l-ħajja li fiha kien jgħaddi Frere, Barra milli kien ta deskrizzjoni tad-dar ta' Frere, il-Pietà, kif naqraw fil-*Memoir* ta' Sir Bartle Frere, Clark fit-taħdidiet li kien ikollu ma' Frere, kien jitgħaxxaq jisma' minn fommu aneddoti fuq Pitt, Canning, u Whindham, u fuq l-akbar kittieba u politiċi li magħhom Frere kellu relazzjonijiet fil-bidu tas-Seklu Dsatax.

Malta, dak iż-żmien (1834) kienet titqies bħala waħda mill-iktar kolonji importanti. Hawnhekk kien hawn l-aħjar nies tas-soċjetà ċivili, nies tas-servizz militari u navali. Fost dawn kien ikun hawn dejjem xi wħud li kellhom xi rabtiet ta' ħbiberija ma' Frere, sew persunali kemm b'mezz ta'

[1] Fost dawn it-traduzzjoni tat-*Theognis* li Cornwall Lewis kien ħajru jistampa hawn Malta fl-Istamperija tal-Gvern, flimkien mal-kummiedji ta' *Aristofane*.

xi ħbieb oħra li Frere kien jafhom qabel l-Ingilterra, nies li dejjem sabu l-bieb tal-villa tiegħu miftuħ u min laqagħhom.

Frere, madankollu, ma kienx jonqos li ma' tul iż-żmien li dam hawn Malta ma jintrabatx bi ħbiberija ma' nies Maltin ta' ċertu grad fis-soċjetà, sew burokratika, kemm professjonali, kemm ukoll ta' ċerta reputazzjoni xjentifika jew letterarja. Biżżejjed ngħidu li kont issibu mdaħħal bħala soċju onorarju ta' xi soċjetajiet kulturali, fosthom, tas-*Società Medica* (1843) u ta' istituzzjonijiet karitatevoli.

Fost il-Maltin li dlonk kienu jżuru lil Frere kien l-Isqof F.S. Caruana. Ma kinux igħaddu ħlief xi ftit xhur li sew hu kemm l-Isqof ma kinux iżuru lil xulxin. Bniedem ieħor li kien ukoll iħobb imur iżur lil Frere kien Ċensu Barbara, li b'riħet l-influwenza ta' Frere, ftit qabel ma miet, kien ġie iddekorat bit-titlu ta' Sir (K.C.M.G.) għall-ħidma tiegħu fi żmien l-irvell tal-Maltin kontra l-Gvern Franċiż.

Frere kellu qima kbira lejn dawn it-tnejn min-nies, li, kif dejjem kien igħid, kienu ħadmu biex Malta taqa' f'idejn il-Gvern Ingliż bħala kolonja tal-Kuruna Ingliża. Bħalma diġà semmejna, wieħed minn dawk li l-aktar kien iżur ukoll lil Frere kien ir-Rev. Serafin Marmarà, li kien ilu midħla tiegħu minn mindu Frere kien beda jistudja il-Lhudi, billi dan il-qassis kien magħruf għall-għerf tiegħu fil-Lsien Lhudi, Grieg u xi ilsna oħra klassiċi.

It-taħdita tagħhom kienet tkun dejjem fuq l-ilsien Lhudi u Feniċ, u fuq l-iskrizzjonijiet Puniċi li kienu nsabu hawn Malta. Fl-opinjoni ta' Marmarà il-Puniku kien l-ilsien li minnu l-Malti huwa mnissel, u fuq daqshekk kien ukoll jaħseb li l-bennejja tal-Imqades qodma (illum magħrufin bħala monumenti pre-istoriċi) fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, kienu l-Feniċi jew Puniċi, fost dawn l-Imqades, dawk ta' Haġar Qim u tal-Ġgantija.

Bniedem ieħor li Frere kien għamel ħabib miegħu, iżda għal xi ftit taż-żmien, għax laħaq miet wara sew sew xi sentejn wara li Frere ltaqa' miegħu l-ewwel darba, kien ir-Rev. Luigi Rigord, ex-ġeżwita, li wara li kien telaq minn Malta ma' sħabu l-Ġeżwiti, fl-1768, kien raġa' ġie hawn Malta. Dan kien joqgħod fil-Liċeo fejn kien igħallem il-Latin. Frere kien sar jafu bħala traduttur bit-Taljan ta' Catullo u kittieb ta' poeżiji bil-Latin, u dlonk għalhekk tħajjar imur jagħmillu żjara dik is-sena stess li L. Rigord kien wasal hawn Malta.

Hekk kif rah quddiemu, u qalulu ismu, Luigi Rigord ħareġ minn butu distiku bil-Latin li kien iddedikat lil Frere stess. Il-versi kienu dawn:

*Si Frer nos fratres in primo nascimur Adam,*
*Frer sic in Phoebo nos decet esse fratres.*

li bil-Malti jitfissru b'dan il-kliem: Jekk, ja Frere, aħna *aħwa* minn Adam, jixraq ukoll li nissejħu *aħwa* minn Febo, il-Missier tal-Poeżija (għax kienu poeti t-tnejn).

Fost nies oħra li kienu jmorru jżuru lil Frere kien Angel De Saavedra, Duka ta' Rivas, li għal dik il-ħabta kien jinsab hawn Malta. Saavedra, li kellu jgħix għal xi żmien itturufnat minn pajjiżu fuq kwistjonijiet politiċi fi Spanja, art twelidu, kien ġie hawn Malta fuq skuna Maltija minn Livorno fl-4 ta' Settembru, 1825, f'maltempata kbira tal-ajru u tal-baħar, u din id-daħla tiegħu fil-port ta' Malta fakkarha fil-poeżija sabiħa tiegħu *El Faro de Malta.* Huwa kien jaf lil Frere meta dan kien Ambaxxatur Straordinarju f'Lisbona u Ministru Ingliż Plenipotenzjarju f'Madrid, kif ukoll bħala bniedem letterat. Lill-poeta Spanjol Frere ma satax ma jiswilux ta' ġid kull meta dan kien imur iżuru, billi fil-librerija li kellu Frere sata' jsib dawk il-kotba tal-qari dwar il-letteratura Ingliża u dik ta' lingwi oħra li bihom sata' jedha ma' tul iż-żmien li dam hawn Malta.

Fl-14 ta' Diċembru, tal-1824, il-Gvernatur Hastings, billi xtaq jirriforma is-sistema ta' l-istudji fl-Università waqqaf Kunsill Ġenerali u lil John Hookham Frere ħatru President ta' dan il-Kunsill. Kien f'dan iż-żmien (Ottubru 1824) li Frere kien ressaq quddiem il-Kunsill proġett biex fl-Università titwaqqaf skola għall-istudju tal-Malti. Il-proposta ta' Frere twettqet mill-Gvern bil-kondizzjoni li sadattant il-lezzjonijiet jingħataw bla ħlas. Frere offra li joħroġ il-paga tas-surmast minn butu, u irrikkmanda bħala surmast lil Mikiel Anton Vassalli li kien awtur ta' Grammatika tal-Malti bil-Latin u ta' dizzjunarju bil-Malti. Għalkemm aħna ma nafux sewwa meta Vassalli beda jagħti lezzjonijiet, kif ukoll meta ma baqax igħallem il-Malti l-Università, minn xi korrispondenza li għaddiet minn idejja, (ittra bid-data tal-20 ta' Mejju, 1825, tar-Reverendu William Jowett lid-Dar Ġenerali taċ-*Church Missionary Society*) jidher illi t-tagħlim tal-Malti fl-Università kien diġà beda f'dik is-sena. Jidher ukoll illi s-salarju li kien jingħata lis-surmast għal lezzjonijiet tal-Malti ma satax ikun iżjed minn £25 jew £30 fis-sena, billi dak kien soltu s-salarju tal-Professuri tal-Università.

Dik il-ħabta Vassalli kien ħadem u lesta edizzjoni ġdida ta' grammatika bil-Malti bit-Taljan li qabel kienet bil-Latin, stampata Ruma fl-1791. F'din il-grammatika kienu miġburin il-lezzjonijiet kollha li Vassalli kien jagħti fl-Università. Barra minn dan, Vassalli kien kiteb xi xogħlijiet oħra: *Proverbi Maltin,* li ġew ippublikati tliet snin wara, kif ukoll dizzjunarju *Taljan-Malti* (sieħeb il-*Lexicon* li kien *Malti-Latin-Taljan*) li Vassalli xtaq ħafna li jiġi ippubblikat.

Barra minn dan, kif naħseb jien fuq rikkmandazzjoni ta' Frere, lil

Vassalli kien ingħata l-inkariku tat-traduzzjoni bil-Malti tal-*Erba' Evanġelji* mill-Editur tal-Pubblikazzjonijiet taċ-*Church Missionary Society* f'Malta. Vassalli, sadattant, baqa' bil-ħsieb u b'xewqa kbira li jistampa l-grammatika tal-Malti bit-Taljan, kif ukoll id-dizzjunarju ġdid Taljan-Malti, iżda, milli jidher ma kienx wettaq xewqtu sat-18 ta' April, 1826, il-għaliex oħt Frere, li kienet interessat ruħha fil-pubblikazzjoni ta' dawn iż-żewġ xogħlijiet, kienet kitbet f'dik id-data lil ħuha, Dr. William Frere, Master ta' Downing College, f'Cambridge, biex tara jekk satax ikun li l-istampa ta' dawn iż-żewġ xogħlijiet issir f'Cambridge. F'ittra ta' oħt Frere, bid-data tas-27 ta' Marzu, 1827, lil ħuha f'Cambridge, jidher illi l-istampa, iktarx tal-grammatika, u mhux tad-dizzjunarju, kienet sa ssir hawn Malta mill-but ta' ħuha f'Malta u b'xi kontribuzzjoni fl-Istamperija tal-*Missionary Society*. Sadattant Vassalli kien qed igħin lir-Rev. Jowett fit-traduzzjoni bil-Malti ta' xi *Parabbli, Mirakli u Taħdidiet ta' Sidna Ġesù Kristu* biex joħorġu fi ktieb.

Minn avviż li kien deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 868 tat-8 ta' Ottubru 1827, fejn tħabbret il-pubblikazzjoni tal-Grammatika tal-Malti bit-Taljan jidher li flaħħarnett dan ix-xogħol ġie stampat hawn Malta, b'tipi Ingliżi, u l-kopji tqiegħdu għall-bejgħ fil-ħanut ta' Anġlu Calleja, Strada Tesoreria, Nru. 54, u għand Mrs. Kilburn, Nru. 271, Strada Reale, bil-prezz ta' 2s/6d il-kopja. Inbagħtu wkoll kopji ta' din il-grammatika biex jinbiegħu fil-ħwienet tal-librara, kif ukoll xi ftit minnhom Oxford, Cambridge, Edinburgu u Dublin, biex jinbiegħu akkont tal-awtur. Is-sena ta' wara deher ukoll stampat il-ktejjeb tal-qwiel Maltin (*Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi*) ta' Vassalli, b'dedika lill-Onorabbli John Hookham Frere, bħala benefattur kbir tal-awtur fil-pubblikazzjoni tal-ktieb. Fil-gazzetta tal-Gvern Nru. 901 tal-21 ta' Mejju, 1828, tħabbar illi dan id-daqsxejn ta' ktieb jinbiegħ għand il-Librara Anġlu Calleja taħt il-Loġoġ, Nru. 34, il-Belt Valletta, u ħdejn l-Anglo-Maltese Bank, Nru. 411, bil-prezz ta' 1s/8d.

Fl-1 ta' Diċembru tal-1831 lil Frere kienu tawh il-karika ta' President tal-Kumitat Permanenti tal-Bibljoteka Pubblika.

Fil-5 ta' Frar tal-1833 huwa ħalla mill-karika ta' President tal-Kunsill tal-Università. Il-Gvernatur, li dak iż-żmien kien Sir F. Cavendish Ponsonby, biex juri l-qima tiegħu lejn persunaġġ hekk kbir, flok ma għażel bniedem ieħor biex jimla l-post ta' President, fisser ruħu li sa jitgħabba huwa stess bil-karika li kellu Frere.

Frere, qabel ma telaq mill-karika ta' President tal-Kunsill tal-Università, billi xtaq li jara dejjem jimxi 'l quddiem l-istudju u l-progress tax-xjenza medika f'Malta offra rigal ta' numru sabiħ ta' kotba tal-mediċina,

l-aktar reċenti għal dak iż-żmien, il-biċċa l-kbira bl-Ingliż, li huwa kien bagħat iġib minn barra biex bihom jinqdew l-istudenti tal-mediċina. Dawn kienu qamulu £100. Fuq il-fronti spizju tal-kotba huwa, bħala tifkira, kiteb bil-Latin dawn il-kelmiet: *In usum Juventutis Medicae Artis Studiosae dedit Joannes Hookham Frere.*

Frere li kien jaf tajjeb u jħobb lil-lsien Grieg, kif jidher mit-traduzzjoni li għamel ta' xi kummiedji ta' Aristofane u ta' Teognide, fil-bidu tas-sena tal-1840, kien ressaq quddiem il-Kunsill tal-Università proġett għall-istudju tal-Grieg, u l-Gvern, fir-riforma tal-istudji li kien għamel wara, kien daħħal it-tagħlim tiegħu fil-Liċeo. Flimkien mat-tagħlim tal-Grieg, Frere fil-memorandum ta' dan il-proġett, talab li fl-Università jitwaqqaf it-tagħlim tal-Lhudi, li hu lsien qarib tal-Malti bħall-Għarbi, u wera l-ħtieġa li t-tfal jitħarrġu fit-tagħlim tal-Malti flimkien ma' l-Għarbi, Taljan u Latin: it-tagħlim tal-Malti bħala mezz għat-tagħlim ta' ilsna oħra, l-iktar tal-Għarbi, il-lsien li jixbah il-Malti, u li bih il-Maltin li jsiefru biex jgħixu fl-artijiet tal-Affrika ta' Fuq jistgħu jsibuh ta' għajnuna u ta' fejda kbira.[2]

Wara li twaqqaf it-tagħlim tal-Lhudi flimkien ma' l-Għarbi u l-Grieg, fil-Liċeo, fuq ir-riformi imressqin mill-Kummissjoni Rjali tal-1836, Frere, li kien l-ewwel wieħed li wera interess fl-istudji ta' dawn il-lingwi, darba waħda ġietu l-okkażjoni li jkun jaf b'żewġ aħwa studenti li kienu għamlu progress kbir fl-istudju tal-Lhudi, u biex aktar jagħmlilhom il-qalb fl-istudju li kienu qabdu, tahom rigal ta' Bibbja u ta' dizzjunarju Lhudi li kienu qamu madwar tnax-il-lira, *as a memorial*, kif fisser ruħu, *of their singular diligence and proficiency in their study of Hebrew.*

Fil-bidu ta' Jannar tal-1840, Frere kien tħajjar jibgħat iġib xi kotba tat-tagħlim tal-Lhudi mill-Ingilterra għall-istudenti tal-Università, meta fuq il-proposta tiegħu, il-Lhudi kien wieħed mill-ilsna ta' studju għal xi studenti, u n-nefqa kienet tkun ta' madwar £22.17.0d., iżda flimkien mal-Professur Marmarà, ra li dawk il-kotba miktubin bl-Ingliż ma kinux igħoddu għall-istudenti li aktarx kienu jistudjaw għall-karriera ekklesjastika, u li l-Ingliż għall-kleru dik il-ħabta kienet lingwa ftit u xejn magħrufa, kif kien fisser f'ittra lil ħuh li kien tah l-inkariku jiksiblu dawn il-kotba: *Among the Clergy*, kien kitiblu, *a knowledge of English is a most rare acquirement*, u għalhekk ma kienet tkun ta' ebda fejda li tgħallem il-Lhudi b'lingwa mhix magħrufa mill-istudent, *ignotum per ignotius.*

F'Jannar tal-1839 mietet Susan oħt Frere, li kienet baqgħet tgħix miegħu

[2] Ta' dan il-Memorandum miktub bl-Ingliż minn Frere saret traduzzjoni bit-Taljan stampata fuq folji li tqassmu fost il-membri tal-Kunsill tal-Università. (Għat-test bl-Ingliż ara 'The Works of the Right Hon. John Hookham Frere – Memoir by the Right Hon. Sir Bartle Frere (Vol. I) (1874). *Nota* fil-paġni 301-307).

wara il-mewt tal-missier u l-omm, u kienet mhux biss tieħu ħsieb id-dar u l-bżonnijiet tiegħu kollha personali, imma kienet ukoll, tista' tgħid, is-segretarja tiegħu. Miegħu kienet ukoll tgħix, sa sena qabel, Miss Blake, in-neputija ta' martu, Lady Erroll, li Frere kien iqisha bħal bintu. Fl-1838 Miss Blake iżżewġet lil-Lord Hamilton Chichester. Wara l-mewt ta' oħt Frere, il-miżżewġin baqgħu jgħixu ma' Frere sa mewtu.

F'Awissu tal-1840, billi Frere xtaq jagħmel vjaġġ għall-skopijiet letterarji u xjentifiċi, flimkien ma' Lord u Lady Chichester, telaq għall-Gżejjer Jonji, Trieste, Venezja u bliet oħra tal-Italja. Ma' tul iż-żmien li għamel f'dawn l-artijiet u bliet, huwa żar xi gabinetti, u xi bibljoteki, b'mod speċjali il-bibljoteka li l-Kardinal Bassarione kien irregala lis-Senat ta' Venezja, mimlija b'kotba klassiċi, Griegi, u Latini; barra minn dan, żar diversi akkademji, fejn sar jaf u għamel ħbieb ma' persunaġġi magħrufin għall-għerf tagħhom letterarju, xjentifiku, kif ukoll lingwistiku. Frere, fost ħwejjeġ oħra, kien jieħu interess kbir fin-numismatika (xjenza ta' medalji u muniti antiki) u fl-arkjoloġija. Tajjeb hawnhekk li wieħed isemmi l-oġġetti antiki li Frere kellu ġo daru u l-kollezzjoni sabiħa ta' muniti qodma, fosthom muniti tar-Re Dorju tal-Persja, feniċi, puniċi u muniti oħra ta' nazzjonijiet qodma li llum ma fadalx ħlief isimhom. Il-bibljoteka tiegħu kienet imgħammra b'kotba sew qodma kemm moderni, għal dak iż-żmien, fosthom dawk li kien xtara mill-kunvent qadim tal-Benedittini f'Napli, u l-ġabra rari tal-kotba tas-Santi Padri tal-Knisja Kattolika.

Fil-waqt li kien Ruma, Frere tah attakk ta' puplesija b'sintomi ta' paralisi. Huwa raġa' lura lejn l-Ingilterra wara tnax-il-xahar malli t-tobba qalulu li jista' jitlaq.

Hekk kif raġa' lejn Malta u ħass ruħu tajjeb, sew fil-ġisem kemm fil-moħħ, huwa issokta jaħdem fit-traduzzjoni tas-sentenzi tal-poeta Grieg Teognide, li n-neputi tiegħu, William, li nzerta kien qiegħed għal xi żmien fil-villa tiegħu, kien ħajru jissokta u jispiċċaha. It-traduzzjoni ta' Teognide, kif Frere stess kien stqarr, ma kenitx magħmula kelma b'kelma, iżda fiha kien ta t-tifsira essenzjali tal-versi tal-poeta Grieg.

Fuq it-traduzzjoni ta' Teognide, li Frere kellu l-ħila jagħmel minn bċejjeċ ta' fdalijiet ta' versi tal-poeta Grieg, mal-erbatax il-mitt vers sentenzi ta' interpretazzjoni iebsa – dehret reċensjoni minn Norton, il-kritiku Amerikan, fin-*North American Review* ta' Lulju, 1868, fejn faħħar l-istil, ir-reqqa tal-interpretazzjoni tal-versi li biha Frere għaraf jagħti mera tal-karatteristiċi tat-test oriġinali. Kommenti oħra fuq din it-traduzzjoni saru mill-pinna ta' Sir Cornwall Lewis fejn faħħar l-istil safi, ċar, idjomatiku bl-Ingliż fit-traduzzjoni ta' Frere.

* * * * * * * *

Frere sas-sena 1844 kien għadu jħossu tajjeb f'saħħtu, u ma kienx iħoss ħlief ħedla f'saqajh. Iżda fl-1845 raġa' tah attakk ta' puplesija, u fl-ewwel ġranet tas-sena ta' wara, attakk ta' paralisi bħalma kien tah Ruma xi ħames snin qabel. Dawk li kienu madwaru, waqt li hu kien fis-sodda, fosthom Lord u Lady Hamilton, li dak iż-żmien kienu jgħammru miegħu, kienu kollhom ħrara biex iduru bih u jikkurawh b'dawk il-mezzi kollha mitlubin mill-kura għall-marda li kellu, iżda deher li din id-darba l-attakk kien hekk qawwi li ebda rimedju ma sata' jwitih. Frere għadda għall-agħar f'daqqa waħda; ma satax iċaqlaq ilsienu, intilef għalkollox u għalaq għajnejh, milli jidher bla ebda tbatija, fis-7 ta' Jannar, 1846, wara ħajja ta' 76 sena.

Fil-ġurnata tal-funeral, bħala sinjal ta' luttu kbir, għalqu l-ħwienet kollha. Il-katavru ta' Frere ġarrewh għall-qabar fuq spallejhom in-nies tiegħu stess li kienu jaħdmu f'daru. Il-Maltin kollha ta' ċertu grad għoli fis-soċjetà marru jilqgħu l-katavru fil-bieb taċ-ċimiteru u daħlu għall-funzjoni tad-dfin.

Frere indifen ma' ġenb martu, il-Kontessa De Erroll, fiċ-ċimiteru l-qadim tal-Ingliżi f'wieħed mis-sawr li jħarsu lejn il-Port ta' Lazzarett, illum imsejjaħ *Msida Bastion Cemetry*. Il-qabar, għamla ta' mawsulew, għadu jġib b'kelmiet minquxin bil-Latin l-isem tiegħu flimkien mat-tifkira għażiża ta' ħajtu barra minn Malta u f'Malta, bl-opri sbieħ tal-moħħ u tar-ruħ li ħalla warajh u li l-Maltin ma jistgħu jinsewhom qatt.

Fl-inħawi tal-post fejn kien igħix, il-mewt ta' Frere ġiebet niket kbir fost in-nies ta' kull kondizzjoni, l-iktar fost il-fqar. Wara mewtu, għal bosta żmien, in-nies baqgħet tiftakar fih, u tmur iżżur il-qabar tiegħu, ta' bniedem ta' qalb nobbli, magħruf fi żmienu bħala l-akbar ħabib ta' dawk in-nies tal-Gżira li kienu jinsabu fil-bżonn u fil-miżerja.

Il-latinist, l-Abbati Giuseppe Zammit, li, kif semmejna qabel, fiż-żjara ta' Sir Walter Scott f'Malta, deher li kellu l-akbar qima għall ġenju ta' Frere, ukoll kittieb ta' versi bil-Latin, fil-*Carmina* tiegħu ried iħallilu tifkira monumentali meta fl-epiċedju li kitiblu fil-funeral tiegħu għalaq il-versi tiegħu b'dawn il-kelmiet:

*Pondus est, O Mors, fragilis abstulisti:*
*Namque mens nunquam moritur: vigetque*
*Fama in aeternum sapientis aevum*
*Nescia fati.*

Fejn fi ftit kliem il-poeta ried ifisser illi l-Mewt, għalkemm ħadet il-ġisem dgħajjef ta' Frere, ismu jibqa' ħaj u ma jmut qatt għax id-destin tal-mewt fuq il-bniedem ma jistax għalih.

Hookham Frere, barra milli kien kittieb erudit ta' proża u versi bl-Ingliż kif wera fit-traduzzjonijiet u fil-kitba tiegħu, kien Greċista u Latinista tajjeb. Xhieda tal-ħila tiegħu fil-Grieg u fil-Latin kienu t-traduzzjonijiet ta' xi kummiedji ta' Aristofane u tat-Teognide u l-iskrizzjonijiet bil-Latin li ħarġu mill-pinna tiegħu, fosthom waħda li ħażżeż u naqqax fuq irħama fil-ġnien tal-villa tiegħu wara li kien kixef fl-1836 degħbien kbir, tnejn għal fuq il-qabar ta' martu u oħtu, u oħra għal fuq il-qabar tal-ħabib tiegħu Ċensu Borg 'Brared', li bi flusu u bil-ħidma tiegħu kien żamm u sostna l-blokk tal-Franċiżi fl-1798. F'din l-iskrizzjoni tal-aħħar, barra milli semma din il-ġrajja, semma ukoll fi ftit kliem sbieħ, l-għemejjel qalbiena u l-karattru ta' dan il-patrijott li l-Gvern Ingliż kien żejnu bil-grad ta' *Sir*. Barra minn dawn l-iskrizzjonijiet, wieħed jista' jsemmi wkoll il-versi bil-Latin li Frere kien kiteb bi tweġiba għall-versi iddedikati lilu minn Luigi Rigord. Hawnhekk ta' min isemmi il-versi tal-Abbati Giuseppe Zammit fiż-żjara ta' Sir Qalter Scott fejn dan biex juri l-ħila kbira ta' Frere fil-kitba bil-Latin talbu biex floku jaqbad il-pinna u jfaħħar hu b'versi iżjed xierqa lil Sir Walter Scott.

Frere kellu persuntu twila u sabiħa, wiċċ ġenjali li jiġbdek, moħħ għoli, għajnejn żoroq, fiżonomija li turi fih il-qawwa u l-ħeġġa tal-intelliġenza tiegħu, ta' karattru sod, u fl-istess ħin ta' tjubija ta' qalb. Helu u dħuli ma' kulħadd, għalkemm ftit kienu n-nies li kienu midħla tiegħu. Kien bniedem li jħenn għal kull min hu batut. Illi tagħti lill-fqir miż-żejjed li għandek kien iqisu bħala wieħed mid-dmirijeit ewlenin tiegħu, u dana deher l-iktar, barra milli ma' tul iż-żmien li għax hawn Malta, fil-marda kiefra tal-cholera tal-1836-37, li fiha n-nies tal-Gżira sofriet tbatija, faqar u mewt. Dik il-ħabta Frere wera l-akbar ħniena meta fetaħ idejh biex igħin lil bosta nies milqutin minn mard u għaks. Dan biss kien ikun biżżejjed biex ismu jibqa' mfakkar fostna l-Maltin.

Għalkemm Frere kien beda karriera diplomatika fejn kellu responsabiltajiet kbar, u ġarrab bosta twegħir li fiħom ħass imrar aktar milli ferħ lid-dinja kien u baqa' jħares lejha bis-sabar, u xi mindaqqiet bi tbissima qarsa fuq xufftejh u b'espressjonijiet ta' umoriżmu jew sarkażmu, u din hija r-raġuni li hu kien imġenneb, fil-gosti letterarji tiegħu, iktarx lejn Berni u Pulci milli lejn il-Pellico, lejn Aristofane milli lejn Eschilo, lejn Moliere u Leclerq milli lejn Dumas. Oħtu, f'waħda mill-ittri tgħidilna li huwa qatt ma kien jitħajjar imur it-Teatru Manoel, jekk ma jkunx hemm xi opra umoristika. Sa meta kien żagħżugħ l-umoriżmu kellu influwenza kbira fuq l-istil tiegħu fil-kitba antiġakubina.

Għalkemm Frere kien tal-partit Toryan ta' Pitt, fil-politka qatt ma kien għadu ta' riformi ġodda, iżda imbagħad kien jaf jiżen bil-keffa tal-ħaqq u

tal-għaqal dak li hu xieraq f'kull liġi ġdida.

Lejn dawk in-nies li ma kinux tal-istess professjoni reliġjuża tiegħu, hu kellu l-akbar sens ta' qima u lotteranza għall-fehmiet tagħhom. L-akbar ħbieb tiegħu, ibda mill-Isqof Caruana, ir-Rev. Serafin Marmarà, Preċettur tal-Lsien Lhudi fil-Liċeo u fl-Università, fosthom ukoll nies, li kienu fanatiċi fil-fehmiet tagħhom reliġjużi. Hu kien ta' fehma sħiħa li dawk in-nies li kienu l-maqlub tiegħu fil-fehmiet reliġjużi, huma Insara tajba daqsu, hu x'inhu l-moħħ u l-karattru differenti tagħhom.

Frere illum, għadu, tista' tgħid, fostna bix-xbieha u r-ruħ tiegħu. Il-bust tiegħu, xogħol tal-iskultur Taljan Fortisoni, mogħti fl-1877, mad-89 sena ilu, minn qaribu, ir-Rev. Wayne, qiegħed hemm inti u tiela' it-taraġ tal-Biblijoteka Rjali tagħna qabel ma tidħol fis-sala tal-qari, u juri li kien bniedem li kellu x'jaqsam mhux ftit ma' dak it-Tempju tal-Għerf, u kemm ukoll għandna niftakruh għall-ġid li għamel għall-istudjużi ta' Malta. Ftit 'l isfel minnu, illum jinsab bust ieħor faċċata tal-bieb il-kbir tal-Bibljoteka, il-bust tal-Poeta Nazzjonali, kif lil Dun Karm Psaila, il-ġenerazzjoni tal-lum għoġobha ssejjaħlu u għadha issejjaħlu. Dun Karm hemmhekk ħalla warajh id-dell tiegħu li bosta studenti għadhom iġibuh quddiem għajnejhom fil-waqt li Frere, barra minn dellu, ħalla ukoll hemmhekk qalbu u ruħu mal-kotba li kiteb hawn Malta u li bihom għamel isem sabiħ fil-letteratura Ingliża. Malta li għandha sehem sabiħ tal-egħżeż żmien ta' ħajtu, fejn dan il-bniedem, għalkemm mhux Malti, għoġbu jtemm ħajtu u jibqa' magħna ukoll wara mewtu fil-qabar tiegħu, għandha tassew għalfejn tibqa' tgħożż ismu u ma tħalli qatt li ż-żmien u ċ-ċiviltà moderna bit-tibdil fl-estetika ta' pajjiżna jeqirdu dak id-daqsejn ta' monument fir-rokna taċ-ċimiteru l-qadim tal-Ingliżi f'wieħed mill-bastjuni tas-sobborg tal-Furjana fejn għad hemm l-ifdalijiet għeżież ta' dak il-bniedem li għax fostna l-aħħar ħamsa u għoxrin sena ta' ħajtu, bniedem li l-monument tiegħu jista' joqgħod tajjeb fost l-aktar monumenti egħżież ta' Malta fil-Ġonna Pubbliċi.

Malta Dec. 17th 42

My dear Mr Bandinel

I trouble you with
the enclosed, not knowing whether my
nephew George is still with you -
I was informed of his appointment in
a very obliging Letter from Ld Aberdeen
- I am fully aware how much he, and
all who take an interest in him,
are indebted to you, for your favorable
testimony to his past service under your
direction, and for the kind interest you
have taken in his advancement on
other occasions - Believe me with a
very gratefull sense of your kindness
most truly and sincerely
Yours J H Frere

RIPRODUZZJONI TA' ITTRA MIKTUBA MINN J. HOOKHAM FRERE

*Bil-korteżija tal-Prof. Dr. Ġ. Galea, sid id-dokument.*